# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 16**

**Citazzjoni numru 325/04 JZM**

**Emanuel Farrugia, Grace Axiaq, Michelina Farrugia, Mario Farrugia, Alfred Farrugia, Mary Grace Dalli, Christopher Casaletto, Carmen Grech, Rita Busuttil, Antonio Farrugia, Joseph Farrugia, John Farrugia u Paul Farrugia, u in forza ta' digriet datat 5 ta' Settembru 2008 wara l-mewt ta' l-attrici Michelina Farrugia giet awtorizzata l-legittimazzjoni ta' l-atti favur l-atturi ohra kollha fil-kawza.**

**v.**

**Mary Doris Veneziani, Alfreda Farrugia, Mary Grace Grima, u Josephine Camilleri**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi:

> "Peress illi l-atturi huma propjetarji ta` ghalqa msejha ta` San Anard limiti taz-Zabbar go Wied il-Ghajn tal-kejl ta` ghaxart elef, mija u sitta u

disghin metru kwadru (10,196 m.k.) tmiss mill-Grigal ma` triq pubblika ma` xatt il-bahar, mill-majjistral ma` beni tal-Gvern u xlokk ma` beni ta` Michael Saliba.

"Peress illi b`avviz numru 652/02 MM fl-ismijiet "Mary Doris Veneziani et vs Emanuel Farrugia et", il-konvenuti f`din il-kawza talbuhom jizgumbraw mill-ghalqa msemmija ghax ippretendew li l-ghalqa in kwistjoni hija taghhom.

""Peress illi b`digriet tal-24 ta` Marzu 2003 fil-kawza fl-ismijiet "Mary Doris Veneziani et vs Emanuel Farrugia et", l-atturi gie prefiss lilhom terminu sabiex jiddeducu kawza fil-Qrati Superjuri ghall-kanonizzazzjoni tat-titolu taghhom.

"Peress illi l-konvenuti appellaw minn dak id-digriet u b`sentenza tal-10 ta` Marzu 2004 deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "Mary Doris Veneziani et vs Emanuel Farrugia et" ikkonfermat il-provvediment moghti u konsegwentement irrinvijat lura l-process lill-ewwel qorti biex jiehu l-kors tieghu.

"Peress illi l-atturi f`din il-kawza huma possessuri u propjetarji tal-ghalqa msejha ta` San Anard limiti taz-Zabbar go Wied il-Ghajn tal-kejl ta` ghaxart elef mija u sitta u disghin metru kwadru (10,196 m.k.) tmiss mill-grigal ma` triq pubblika ma` xatt il-bahar, mill-majjistral ma` beni tal-Gvern u xlokk ma` beni ta` Michael Saliba u ghandhom interess illi t-titolu taghhom jipprevali fuq it-titolu pretiz mill-konvenuti.

"Peress illi din l-ghalqa kienet propjeta` tal-mejjet missierhom Giuseppi Farrugia u kienet ilha fil-pussess tieghu ghal aktar minn sittin sena ilu u li dejjem ikkonsidraha bhala tieghu tant li kien ighid lill-atturi u lil terzi illi din l-art in kwistjoni hija propjeta` tieghu.

"Peress illi l-atturi huma mart il-mejjet Giuseppe Farrugia u l-werrieta tieghu u cioe` uliedu u ulied il-mejta bintu li ppremorietu.

"Peress illi wara li miet missierhom l-atturi bhala werrieta ta` missierhom b`kuntratt tas-26 ta` Gunju 2002 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Lia li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A l-atturi ghamlu d-dikjarazzjoni causa mortis kif stabbilit mil-ligi.

"Peress illi l-atturi u/jew missierhom huma l-propjetarji ta` l-art in kwistjoni u ghalhekk qatt ma hallsu qbiela u/jew kumpens iehor lil xi hadd ta` l-ghalqa in kwistjoni li dejjem kienu jikkonsidrawha bhala taghhom u li dejjem hadmuha, rabbew l-annimali fiha kif ukoll kienu jorqdu fl-ghamajjar taghha kif ghadhom jaghmlu whud minnhom sal-gurnata tal-lum.

"Peress illi l-pussess ta` l-atturi huwa ahjar mill-pussess tal-konvenuti stante li huma akkwistaw din il-propjeta` bil-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali.

"Peress illi hadd qatt ma ddisturbahom fil-pussess tat-titolu taghhom hlief meta gie ntavolat l-avviz nru. 625/02 MM fil-21 ta` Ottubru 2002.

"Peress illi l-konvenuti qatt ma kienu fil-pussess ta` din l-art li huma jippretendu li hija propjeta` taghhom.

"Peress illi jehtieg li jigi dikjarat u deciz illi l-propjeta` in kwistjoni hija propjeta` assoluta tal-atturi u mhux tal-konvenuti stante illi t-titolu taghhom huwa ahjar minn dak tal-konvenuti.

"Jghidu l-konvenuti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportune u ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-Qorti m`ghandhiex –

"(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-atturi huma propjetarji tal-ghalqa msejha ta` San Anard limiti taz-Zabbar go Wied il-Ghajn tal-kejl ta` ghaxart elef mija u sitta u disghin metru kwadru (10,196 m.k.) tmiss mill-grigal ma` triq pubblika ma` xatt il-bahar, mill-majjistral ma` beni tal-Gvern u xlokk ma` beni ta` Michael Saliba.

"(2) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-pussess ta` l-ghalqa in kwistjoni ta` l-atturi huwa ahjar minn dak tal-konvenuti.

"Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni".

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti illi:

"1. Illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom peress li l-ghalqa fil-limiti ta` Haz-Zabbar u Wied il-Ghajn, kontrada ta` San Anard, tal-kejl cirka ta` tmien tomniet u tlett mondelli, delineata bl-ahmar fl-annessa pjanta markata Dok AF1 hija propjeta` ta` l-eccipjenti u kienet giet akkwistata minn missierhom Giuseppe Borg, illum mejjet, in forza ta` kuntratt ta` l-14 ta` Lulju 1923 in atti Nutar Dottor Francesco Giorgio Schembri, kopja ta` liema kuntratt tinsab unita u mmarkata Dok AF2.

"2. Illi minn imkien ma jirrizulta illi l-atturi ghandhom xi titolu fuq l-art in kwistjoni tant illi meta miet missierhom Giuseppe Farrugia u saret l-ewwel dikjarazzjoni "causa mortis" tieghu fit-2 ta` Mejju 1996 in atti Nutar Carmelo Lia huma lanqas iddenunzjaw l-istess art.

"3. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi".

Rat il-verbali tal-kawza fosthom l-*affidavits* u depozizzjonijiet;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-12 ta' Dicembru 2011 fejn gie deciz:

"***<u>Id-Decide</u>***

"*Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, qeghda tilqa` ttalbiet attrici, bl-ispejjez jithallsu kollha mill-konvenuti*".

Il-konvenuti interponew appell ghal din is-sentenza ppronunzjata kontra taghhom;

Rat ir-rikors tal-konvenuti appellanti li permezz tieghu talbu illi din il-Qorti:

"7. Illi l-esponenti jidhrilhom li l-konvenuti ma rnexxielhomx, mill-provi mressqa, jippruvaw illi huma kienu akkwistaw l-ghalqa in kwistjoni bl-uzukapjoni trigenarja. Hemm provi bizzejjed biex juru illi l-atturi ma ppruvawx, kif kien l-obbligu taghhom li jippruvaw, il-preskrizzjoni akkwizittiva mhux biss il-pussess "animo domini" imma anki li huma kienu jippossjiedu minghajr interuzzjoni ghaz-zmien ta' tletin sena preskritti mill-ligi. L-atturi ma rnexxielhom jippruvaw l-elementi kollha rikjesti u cioe` illi l-pussess taghhom kien wiehed legittimu, jigifieri kontinwu, mhux miksur, ghal tletin sena, pacifiku, pubbliku, u (univoku) mhux ekwivoku – (cioe` juri bic-car li wiehed qieghed jippossjiedi bhala sid).

"8. Illi mill-provi mressqa rrizultaili l-atturi dahlu fuq l-ghalqa in kwistjoni wara li kien dahhalhom hemm certu Salvu Borg imlaqqam iz-Zundajnu. Michelina Farrugia tghid li ma tafx x'titolu kellu, jekk kellu, dan Salvu Borg. Li hu fatt hu li kuntratt ma uriehomx u ghand Nutar ma marrux biex jaghmlu l-att ta' cessjoni. Din il-preskrizzjoni tentennali hija <u>kontradetta</u> minn dawn ir-riflessjonijiet li jitnisslu mill-provi mressqa, mid-dokumenti esibiti, u mill-punti legali pertinenti in materja:

(a) "Vestro Saliba, xhud prodott mill-istess atturi, xhud ghal kollox indipendenti u li ghandu l-ghalqa tmiss ma' dik in kwistjoni, jghid li l-atturi kienu dahlu fl-ghalqa **xi 25 sena qabel**, jigifieri fis-sena 1980, u allura anqas minn tletin sena (Ara Seduta tas-16 ta' Marzu 2005 a fol.77). Huwa jispjega illi:

> "Fir-raba ta' hdejna hemm l-atturi, naf li niftakar li l-ewwel kien hemm zewgt ixjuh, nghidilhom ta' Zundajnu pero` ma nafx x'jisimhom, fiz-zmien kont ghadni zghir, illum ghandi 52 sena u dak iz-zmien kelli 12 il-sena. Imbaghad wara dawn iz-zewg ixjuh ghamel perijodu vojt, imbaghad gie certu Anglu zijuhom, ta' l-atturi, kien jidhol mill-moghdija taghna ghax dak iz-zmien fil-Fortizza ma kien jidhol hadd. Imbaghad kien gie t-tifel tieghu certu Leli, mibghad miet Leli u dahlu l-aturi. L-atturi ilhom xi 25 sena hemmhekk".

(b) "Dan il-fatt kien huwa konfermat mill-esponenti Alfreda Farrugia (Ara fol.165)

(c) "Qabel is-sena 1980 l-atturi kienu ghadhom go ghelieqi ohra ta' Felic ta' Zbiba u ta' l-Ingliza Daphne fejn in-naha tal-Fortizza ta' San Pietru lejn il-Kalkara u li hemm mat-tlett kwarti jew siegha mixi boghod mill-ghalqa in kwistjoni (Ara x-xhieda tal-konvenuta Michelina Farrugia a fol.132, ta' Mary Doris Veneziani a fol.169/170, ta' Joseph Venezxiani a fol.178, ta' Alfred Farrugia a fol.165 u 189, u ta' Grace Grima a fol.166)

(d) "Iz-Zundajnu (Salvu Borg) ma kellu l-ebda jedd fuq l-ghalqa u li allegatament kien cedielhom. L-Artikolu 2118 tal-Kodici Civili, dwar il-'kawzi li jimpedixxu l-preskrizzjoni' jghid li 'dawk li jzommu l-haga f'isem haddiehor, ma jistghux jippreskrivu favur taghhom infishom, bhal ma huma l-kerreja, d-depozitarji, l-uzufruttwarji, u generalment dawk li ma jzommux il-haga bhala taghhom infushom' Mhux bizzejjed ghalhekk li jkollok id-detenzjoni tal-haga jew it-tgawdija taghha mhux bhala haga proprja, imma bhala haga ta' haddiehor, ghaliex allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja (Ara 'Carmelo Caruana et –vs- Orsla Vella', Appell Civili, 13 ta' Marzu 1953 ; u 'Victor Chetcuti et –vs- Michael Xerri', 31 ta' Mejju 1996).

(e) "Kuntratt ta' cessjoni ma ghamlux minkejja li kienu jafu li fejn jidhlu drittijiet fuq proprjeta` immobiljari kien jehtieg li jsir att pubbliku li huwa necessarju 'ad validitatem' biex ikun hemm cessjoni ta' dritt (Ara 'Maria Quintano –vs- Carmelo Fino et', Appell, 18 ta' Settembru 1989). Dan kienet tafu ben tajjeb l-attrici Michelina Farrugia ghax hekk ghamlet meta giet biex tixtri d-dar residenzjali taghha ta' Haz-Zabbar u meta giet biex taghti drittijiet ta' abitazzjoni fuq din l-istess dar taghha lil binha l-mutu li kien ghadu jghix maghhom (Ara fol. 131/2).

(f) “Meta fil-21 ta’ April 1996 miet Giuseppe Farrugia, zewg l-attrici Michelina Farrugia u missier l-atturi l-ohra, l-atturi appellati ma ddenunzjawx l-ghalqa bhala parti mill-eredita` tieghu (Ara Dikjarazzjoni ‘causa mortis tat-2 ta’ Mejju 1996, in atti Nutar Carmelo Lia, a fol 152/5). In-Nutar Carmelo Lia jixhed li ‘kieku semmewieli (l-ghalqa ta’ taht il-Fortizza ta’ San Anard) kont innizililhom voldieri’ (Ara fol.51). Kien biss meta nqalghet il-kwistjoni ma’ l-esponenti li l-atturi marru jigru ghand in-Nutar Lia u ddenunzjaw l-ghalqa fit-tieni dikjarazzjoni ‘causa mortis’ li huma ghamlu sitt snin wara, u cioe` fl-att tas-26 ta’ Gunju 2002 (Ara fol. 5/6 u ripetut a fol.37/8).

“Ta’ min josserva li n-Nutar Lia jghid li qabel ghadda ghat-tieni Denunzja huwa jghid li ried jindaga u jaghmel xi investigazzjonijiet u talab illi lill-atturi jgiebulu xi nies li jaf hu, fosthom lil Paskal Pulis, halli jiddikjaraw li missierhom vera kellu din il-proprjeta` (Ara fol.48). Pero` dan kif inhu possibli meta l-affidavit ta’ Paskal Pulis (u ohrajn) hu datat it-12 ta’ April 2004, u t-tieni denunzja ggieb id-data tas-26 ta’ Gunju 2002

(g) “L-attrici Michelina Farrugia tistqarr in kontro-ezami li ma ddenunzjatax l-ghalqa ta’ San Anard fl-ewwel Denunzja ta’ zewgha ghax din ma kienetx taghhom (Ara fol.132 – Fuq mistoqsija ‘Meta miet r-ragel inti mort ghand in-Nutar biex tiddikjara x’halla r-ragel’ hija rrispondiet ‘U x’halla! Mhux hawn biss halla!’ – Dan b’riferenza ghad-dar matrimonjali taghhom ta’ Haz-Zabbar fejn kien gie kondott il-kontro-ezami mill-Assistenta Gudizzjarja Dr. Natasha Buontempo LL.D.).

(h) “L-azzjonijiet ta’ l-atturi graw kollha in segwitu ghall-laqgha li kellhom ma’ ulied il-konvenuti fl-ahhar ta’ Mejju 2002 fejn dawn ta’ l-ahhar kienu qalulhom li l-ghalqa in kwistjoni kienet tal-genituri taghhom. L-atturi in segwitu marru jigru ghand in-Nutar, marru jirregistraw l-ghand ghand l-Ghammieri, bdew jibnu l-kamra fin-nofs ta’ l-ghalqa (Ara ritratt mehud fl-ewwel gimgha ta’ Lulju 2002 a folo.235 bin-notament a tergo ‘Il-kamra ta’ Ninu ghadha ma telghetx sas-2002. Kien ghadu qed itellghaha), bdew jizrghaw fejn setghaw, irrangaw il-hitan etc…, biex imbaghad meta l-Ewwel Onorabbli Qorti accediet fuq il-post fis-sena 2008 hija rat post irrangat u kompletament kontrollat mill-atturi.

“**B. INTERUZZJONI JEW RINUNZJA GHALL-PRESKRIZZJONI**

“9. Illi l-esponenti qed jillanjaw mill-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset li tiehu in konsiderazzjoni illi Ninu u Giuseppi ahwa Farrugia, zewg membri mill-atturi, kienu fl-ahhar gimgha ta’ Mejju 2002 ammettew ma’ membri tal-familja ta’ l-esponenti u fil-prezenza ta’ terzi dizinteressati (s-surveyor Frank Ebejer) illi l-ghalqa in kwistjoni ma kienetx taghhom (Ara x-xhieda ta’ Dorothy Warrington a fol. 157/8,

tas-Surveyor Frank Ebejer a fol. 159, ta' Victor Farrugia a fol. 163 u 265, ta' Joseph Veneziani a fol. 178/9, u ta' Michael Darmanin a fol. 180). Dana apparti l-ammissjoni l-ohra ta' l-attrici Michelina Darmanin li stqarret li l-ghalqa ma kienetx taghhom (Ara fol. 131/2).

"10. Illi din l-ammissjoni kellha l-effett li interrompiet il-preskrizzjoni jekk it-terminu tal-preskrizzjoni kien ghadu ma ddekorriex, u ikkostitwit rinunzja jekk it-terminu tal-preskrizzjoni kien gia` ddekorra (Ara Kollezz. Vol. XXXIV-III-742, 'Joseph Bajada et –vs- Alfred Naudi', Kummerc, 12 ta' Jannar 1950).

"11. Illi fl-ipotesi, 'dato ma non concesso', illi kien gia` ghadda t-terminu preskrittiv trentennali, l-atturi bl-ammissjoni taghhom li biha stqarrew li l-ghalqa ta' San Anard ma kienetx taghhom gew li rrinunzjaw (Ir-rinunzja tista' tkun espressa jew tacita – Ara Artikolu 2109 tal-Kodici Civili) ghall-preskrizzjoni ghax id-dikjarazzjoni tal-persuna li favur taghha jkun gie kontemplat il-perijodu tal-preskrizzjoni li l-oggett ma jappartjieniex lilu jimplika rinunzja tacita tad-dritt akkwistat minnu bil-preskrizzjoni (Ara Kollezz. Vol. XXXV11-I-105, 'Carmelo Caruana et –vs- Orsla Vella', 13 ta' Marzu 1953, Appell). U biex tavvera ruha r-rinunzja d-dikjarant ma hemmx ghalfejn ikun jaf illi bi kliemu jew b'azzjonitu huwa jkun qed jirrinunzja ghall-preskrizzjoni (Ara Kollezz. Vol. XXX1-I-641, 'Maria C. Demarco et –vs- Giorgio Zammit', 11 ta' Gunju 1943, Appell).

"12. Illi, fil-kawza fl-ismijiet 'Carmelo Caruana –vs- Orsla Vella' (Vol. XXXV11-I-105, 13/03/1953) il-Qorti ta' l-Appell qalet illi d-dikjarazzjonijiet li kien ghamel l-attur possessur li kien jaf ta' min hi l-ghalqa ankie wara li kien gia` akkwista l-proprjeta` tal-kamra in kwistjoni bil-preskrizzjoni trigenarja (kienu ghaddew 48 sena) kellha l-effett li:

> "…teskludi hija ukoll l-element intenzjonali tal-pussess civili u l-karattru tal-pubblicita` tal-pussess legittimu, billi b'dik id-dikjarazzjoni l-attur reggha wera li huwa ma kienx is-sid ta' dik il-kamra; anzi teskludi ukoll l-element tan-non-ekwivocita` tal-pussess legittimu, billi l-attur wera illi kien jaf min hu s-sid ta' dik il-kamra, u ghalhekk illi huwa ma kienx qieghed jokkupa l-kamra bhala tieghu, u kien jaf illi kien qieghed igawdi l-istess kamra b'mod prekarju…. Imma l-istess dikjarazzjonijiet ghall-istess raguni li gew maghmula wara dak id-dekorriment taz-zmien, u wara l-akkwist konsegwenzjali tal-kamra, jippregudikaw lill-atturi fis-sens illi b'dawk id-dikjarazzjonijiet l-atturi gew li rrinunzjaw ghall-istess preskrizzjoni gia` akkwistata minnhom. Inutili illi jinghad mill-atturi illi dik ir-rinunzja ma kienex verament espressa, u ma gietx maghmula fil-konfront tal-veru proprjetarju ta' dik il-kamra. Hija prevalenti fid-dottrina l-opinjoni illi rinunzja tacita tista' ssir bi kwalunkwe mod, basta li tkun turi manifestazzjoni diretta tal-volonta ta' dak li jkun illi huwa ma jridx japprofitta mill-preskrizzjoni. Ir-rinunzja mbaghad, hija essenzjalment unilaterali, u ghalhekk tipproduci l-effett taghha minghajr l-accettazzjoni tal-parti li tista tipprofitta b'dik ir-rinunzja, u anki fl-assenza taghha (Digesto Italiano, Vol. XXX, para 67, pag. 493; Ricci, Diritto Civili, Vol. V, para. 152; Laurent, Diritto Civile,

Vol. XXX11, para. 189; u Pugliese, Trattato della Prescrizione Acquisitiva, p. 152, par. 74)".

"13. Illi minn naha l-ohra l-esponenti rnexxielhom jippruvaw it-titolu taghhom fuq l-ghalqa in kwistjoni. Missierhom Giuseppi Borg kien akkwista l-ghalqa 'de quo' in forzaq ta' kuntratt ta' l-14 ta' Lulju 1923 in atti Nutar Dottor Francesco Giorgio Schembri (Ara Dok. 'AF2' unit man-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' l-esponenti u ta' liema dokument saret kopja dattilografata Dok. 'AF3' a fol. 190). L-esponenti kienu nkarigaw lill-Perit Ian Zammit li ttrasferixxa fuq pjanta l-ghalqa mertu tal-kuntratt ta' l-akkwist ta' missierhom (Ara Affidavit Dok. 'IZ' a fol. 181 bid-dokumenti annessi Dok. 'AZ1' u Dok. 'AZ2'. Giuseppi Borg miet fit-2 ta' Mejju 1968 bla ma halla testment u ssuccedewh l-erbat itfal tieghu, u cioe` l-erba esponenti (Ara Dok. 'MDV1' sa 'MDV7' a fol. 171/7). Fil-kaz in dizamina ma jirrizulta ghalhekk l-ebda stat ta' incertezza jew dubju dwar it-titolu ta' l-esponenti in kwantu dawn irnexxielhom sodisfacentement jiddimonstraw it-titolu ta' proprjeta` fuq l-immobbli naxxenti minn titolu validu.

"14. Illi l-esponenti ezercitaw pussess ta' dina l-ghalqa. Dan il-pussess kien limitat ghax wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni li l-ghalqa hija blat gheri (Ara affidavit tal-Perit Ian Zammit a fol. 181) u parti zghira biss minnha, fil-parti ta' fuq nett, li tinhadem. L-esponenti kienu jmorru fuq l-ghalqa u hadd ma jostakolhom. L-entratura taghhom kienet minn fetha minn xatt il-bahar. Hitan divizorji ma kienx hemm 'kullimkien kien imwitti u ma kienx hemm hitan divizorji bejn l-ghelieqi' (Ara xhieda tal-konvenuta Michelina Farrugia a fol. 132). L-esponenti kienu jmorru fuq l-ghalqa u hadd ma jostakolhom. L-entratura taghhom kienet minn fetha minn xatt il-bahar. Hitan divizorji ma kienx hemm 'kullimkien kien imwitti u ma kienx hemm hitan divizorji bejn l-ghelieqi' (Ara xhieda tal-konvenuta Michelina Farrugia a fol. 132). L-esponenti kienu jaraw lil uhud mill-atturi fil-parti ta' fuq nett fejn ghandhom ir-Razzett u fuq liema l-esponenti qatt ma vvantaw drittijiet kif spjega Alfred Farrugia, s-senior agricultural foreman mad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura dwar dik il-parti ta' l-art markata bl-isfar (Ara fol. 65 u 72 'Veneziani mhux qed jitolbu li din il-parti bl-isfar hi taghhom'). L-esponenti kienu hajjtu lil terzi biex jippruvaw jixtruha (Ara x-xhieda ta' Alfred Darmanin a fol. 180), u meta l-Gvern esproprja parti mill-ghalqa biex jiftah it-triq ma' xatt il-bahar huma nkarigaw lis-Surveyor Frank Ebejer u marru mieghu fuq is-situ (Ara fol. 159). Imbaghad l-esponenti nkarigaw lill-Perit Ian Zammit li fit-22 ta' Frar 2003 acceda nostakolat fuq l-ghalqa in kwistjoini biex setgha jaghmel ir-rapport tieghu.

"Ghaldaqstant l-esponenti fil-waqt li jaghmlu riferenza ghall-atti tal-kawza u jirrizervaw li jaghmlu osservazzjonijiet u provi ohra permessi mill-ligi, jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fuq indikata moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Dicembru 2011 fil-kawza fl-istess ismijiet premessi billi tichad it-talbiet ta' l-atturi appellati u tilqa' l-

> eccezzjonijiet u l-aggravji ta' l-esponenti appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi appellati".

Rat ir-risposta (fol 394) tal-atturi li permezz taghha wara li rrespingew il-kontenut tar-rikors tal-appell, talbu li s-sentenza tigi kkonfermata u li l-appellanti ghandhom jigu kkundannati jhallsu l-ispejjez taz-zewg istanzi ta' din il-kawza;

Illi l-ewwel Qorti fis-sentenza tat-12 ta' Dicembru 2011 waslet ghad-decizjoni taghha b'dan il-mod:

> "L-atturi qeghdin isostnu l-pretensjoni taghhom ghall-fini tat-talbiet fuq il-preskrizzjoni akkwizitiva trigenarja bil-pussess taghhom tal-art in kwistjoni `*animo domini*` *.* Din l-ghamla ta` preskrizzjoni ma tirrikjedix la titolu u lanqas *bona fides*. Ghalhekk bis-semplici pussess legittimu ta` tletin sena l-possessur tal-haga jakkwista l-proprjeta` ta` l-istess haga posseduta minnu.
>
> "Fis-sentenza taghha tal-5 ta` Lulju 2004 fil-kawza "**Pace vs Abela**" (konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta` Settembru 2011) din il-Qorti diversament presjeduta (**PA/LFS**) qalet hekk –
>
>> "*Fil-kaz tal-preskrizzjoni akkwisittiva trentennali ma hemmx bzonn il-"giusto titolo" u lanqas il-"buona fede" minhabba l-elementi tat-trapass taz-zmien u dak tal-pussess. Biex il-pussess trentennali jaghti lok ghall-uzukapjoni, hemm bzonn li ma jkunx ekwivoku, u li jkun"animo domini ...*
>>
>> "*-bona fede ma hix eskluza bil-fatt illi l-preskrivent kien jaf li l-haga kienet ta` haddiehor ghax hu bizzejjed li l-preskrivent ikollu l-intenzjoni li jsir il-proprjetarju tal-haga. Imma l-pussess ta` tletin sena jrid ikun legittimu, jigifieri kontinwu u mhux interrott, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku. Ir-rinunzja ghall-uzukapjoni bhala `causa acquisitionis` tista` tkun tacita, cioe` deducibbli mill-fatt li jimplika l-abbandun tal-jedd akkwistat, u d-dikjarazzjoni tal-preskrivent fis-sens li l-haga mhix tieghu, timplika rinunzja tacita ghad-dritt akkwistat minnu bl-uzukapjoni" (Vol. XXXV P I p 105) u dan kif ikkonfermata fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta fil-kawza fl-ismijiet "It-Tabib Dr. Carmel Apap Bologna Sciberras d`Amico Inguanez vs Emanuel Sammut" deciza fit-28 ta` Marzu, 2003*".

"Il-ligi tikkwalifika l-kwalita` ta` l-pussess li jrid iwassal ghall-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali. Fis-sentenza taghha tat-2 ta` Marzu 1963 fil-kawza "**Spiteri vs Saliba"** (Vol. XLVI,I.149) il- Qorti tal-Appell qalet li l-*possesso dev`essere una manifestazione esteriore e visibile del fatto che si pretende di acquistare.* **Ricci** fid-*Diritto Civile* jsostni li mhux bizzejjed li l-possessur jallega li kellu l-*animo domini* u jieqaf hemm ... *ma esige che esso si trova in tal condizione, in rapporto al suo possesso, che questo apparisca esternamente un vero possesso in nome proprio, non gia` detenzione della cosa in nome altrui.*

"Ghalhekk sabiex il-pussess ikun tassew legittimu, irid ikun kif imfisser fl-Art.561 tal-Kap.16. u cioe` irid ikun hemm it-tgawdija ta` jedd li wiehed izomm jew jezercita bhala tieghu innifsu u allura ezercizzju ta` jedd assolut u esklussiv. Mhux bizzejjed li dak l-ezercizzju ikun bil-buona grazzja jew tolleranza (ara **Vol. XXXV P II p 341** ; "**Fenech vs Aquilina" –** Prim`Awla tal-Qorti Civili **-** 18 ta` Ottubru 1984 u "**Manfre` vs Spiteri Maempel et"**, Appell Civili, 24 ta` April 1989). Atti ta` mera tolleranza ma jistghux jiswew bhala bazi ta` pussess lanqas jekk jigu ezercitati minn zmien antikissimu u immemorabbli ("**Fenech et vs Salomone et**", Appell Civili, 1 ta` Frar 1971). Josserva **Laurent** (Diritto Civile, Vol. XXXII, para. 297) - "*colui che gode per tolleranza non ha nessun titolo, salvo un consenso del proprietario che questi puo ritirare da un` istante all` altro*." Dan jinghad ghaliex persuna li zzomm il-haga f'isem haddiehor jew il-werrieta taghha ma tistax tippreveskrivi favur taghha stess. Fost dawn il-persuni hemm il-kerrejja, id-depozitarji u l-uzufruttwarji.

"Ghalkemm il-pussess jehtieg li jkun kontinwu u mhux miksur ghaz-zmien kollu li tghid il-ligi, l-attur fil-prova tal-kontinwità ghandu l-ghajnuna ta` prezunzjonijiet *iuris tantum*, bhal ma hi dik *probatis extremis media præsumuntur*, li tohrog mill-**Art.529 tal-Kap.16**. - *Mill-pussess attwali ma titnissilx prezunzjoni ta` pussess fl-imghoddi, hlief jekk il-pussessur ikollu titolu ; f`dan il-kaz, jekk ma jigix ippruvat il-kuntrarju, jinghadd li hu kien fil-pussess mid-data tat-titolu.* Inoltre l-possessur li qed ivanta l-akkwist tramite l-uzukapjoni m`ghandux ghalfejn juri li kien f` kuntatt **kostanti** ma` l-oggett in kwistjoni. **Baudry Lancantinerie** jghidu hekk - *"...non e` necessario che il possessore sia stato in contatto costante con la cosa....*

"**Ikkunsidrat :**

"**III. Il-Provi**

"Dik attrici **mhijiex** l-*actio reivendicatoria.*

"Fis-sentenza taghha tad-9 ta` Marzu 2011fil-kawza "**Xuereb et vs Aquilina et**" din il-Qorti diversament presjeduta (**PA/JRM**) dwar l-azzjoni ta` rivendika qalet hekk –

> "*l-azzjoni li biha l-parti attrici titlob li dikjarata sidt il-gid immobbli li jkun jinsab f'idejn il-parti mħarrka, bil-ħsieb li tieħdu lura f'idejha mingħand min ikun fil-pussess u fl-istat li jkun jinsab fih dak il-gid fil-waqt tas-sentenza*".

"Jirrizulta li l-art in kwistjoni mhijiex fil-pussess tal-konvenuti.

"Fost provi ohra, hemm ix-xiehda ta` Vestru Saliba, li ghandu ghelieqi f`San Anard, Haz-Zabbar, xehed li *lill-atturi kollha nara jahdmu din ir-raba`* (u cioe` ir-raba in kwistjoni. Issa dan Saliba dwar l-atturi jghid illi *m`ghadniex nitkellmu bejnietna u ahna ma nitkellmux minhabba kwistjoni ta` kacca, il-bqija m`ghandhna xejn bejnitena.* Eppure jixhed li *l-konvenuti ma jidhirlix li qatt rajthom f`din ir-raba`. Jekk jidhlu mix-xatt ma nkunx naf ghax jien ma nkunx `l hemmhekk.*

"Fil-fehma ta` din il-Qorti, fil-kawza tal-lum, hemm nieqes it-tieni element tal-*actio reivindicatoria* u cioe` *li l-konvenut ikun jippossjedi l-haga* (ara s-sentenza ta` din il-Qorti [Onor. Imhallef Joseph Caruana Colombo] tal-14 ta` Dicembru 1951 fil-kawza "**<u>Copperstone vs Grech et</u>**".

"Ghalhekk propju ghaliex dik tal-lum **<u>mhijiex</u>** l-*actio reivindicatoria*, fejn huwa pacifiku li tapplika l-prova *diabolika* li tispetta lill-attur, fil-kawza tal-lum, il-piz tal-prova, ghalkemm jibqa` jispetta lill-atturi, jibqa` dak tal-**<u>bilanc ta` probabilitajiet</u>**.

"Meta f`kawza ta` din ix-xorta gudikant jigi biex iqis il-kumpless tal-provi li jitressqu ghall-konsiderazzjoni u gudizzju tieghu, il-kriterju rilevanti mhuwiex jekk assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, *izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja* (**"<u>Borg vs Bartolo</u>"** – Appell Inferjuri – 25 ta` Gunju 1980). Hekk meqjusa dawk il-provi, il-grad rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel **<u>certezza morali</u>** fil-mohh tal-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta` provi fuq bilanc ta` probabilitajiet (**"<u>Caruana vs Laurenti</u>"** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 8 ta` April 1994 ; **"<u>Borg vs Manager ta` l-Intrapriza tal-Halib</u>"** – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 17 ta` Lulju 1981; **"<u>Vassallo vs Pace</u>"** – Vol.LXX.II.144 u **"<u>Zammit vs Petrococchino</u>"** – Appell Kummercjali – 25 ta` Frar 1952).

"Dan premess, li gej huwa **<u>sunt</u>** tal-ghadd ta` provi li tressqu.

"L-ewwel ma xehdu kienu l-atturi u cioe` l-ulied ta` Giuseppe u Michelina Farrugia. Maghhom xehdet ukoll ommhom Michelina Farrugia (fol 68)

"Kif l-ghalqa spiccat ghand l-attur tispejgah **<u>Michelina Farrugia</u>** meta tixhed hekk –

"***...*** ***Jien izzewigt lil dan Joseph Farrugia ftit qabel ma bdiet f`Malta it-tieni Gwerra Dinija fl-1940. Zewgi mindu kien guvni kien habib ma` wiehed Salvu Boirg li kienu jghidulu "iz-Zundajnu". Dan kellu ghalqa taht il-Fortizza ta` San Anard li fiha kien jonsob u jahdem xi bicciet minnha. Zewgi kien imur f`din l-ghalqa ma` dan Salvu ghax minbarra li kienu hbieb kellhom l-istess namur. Wara li spiccat il-gwerra, xi erba` snin wara z-zwieg, dan Salvu Borg iddecieda li jcedi din l-ghalqa u ftiehem ma` zewgi li jcedilu u kemm ghax kienu hbieb u ghax kien jaf li konna fqar hafna ma riedx flud minghand zewgi u zewgi accetta li jiehu l-ghalqa minghandu bla flus. Jiena u zewgi konna nemmnu li Salvu Borg kien sid l-ghalqa u qaghda fuq kliemu "li minn hawn ma jista` jkeccikom hadd". Ghand in-Nutar pero` qatt ma morna biex naghmlu kuntratt.***"

"L-attrici **Rita Busuttil** tixhed *inter alia* a fol 23 illi –

"*... Jiena niftakar ukoll meta kont zghira norqod fuq il-bejt tal-kamra li qieghda go l-imsemmija ghalqa u kont norqod flimkien ma' huti hemmhekk.*

"*... Jien niftakar lill- missieri jkabbar hxejjex f'din l-ghalqa.*

"*... Jiena niktakar ukoll lil missieri jmur ukoll fl-ghalqa l-ohra, liema ghalqa kienet mixrija ghand missieri bil-qbiela. Pero` kienet din l-ghalqa ta' San Anard li xorta wahda l-familja taghna dejjem morna f'din l-ghalqa, dejjem hadna hsiebha, hdimniha u nghixu hemmhekk.*

"Oht Rita, l-attrici **Grace Axiaq** a fol. 24 tixhed *inter alia* illi –

"*... Jiena llum ghandi 60 sena.*

"*Missieri dejjem kellu l-ghalqa msejha ta' San Anard limiti taz- Zabbar go Wied il-Ghajn.*

"*... Jiena u ommi konna naqtghu il- kappar minn din l-ghalqa u huti Leli, Ninu u Zeppi kif bdew jikbru kienu jghinu lill-missieri jahdmu go l-ghalqa msemmija. Jien niftakar ukoll li missieri kien jahrat ir-raba' bil-mohriet u bl-ghajnuna tal- hmara.*

"*... Ahna fis-sajf fil-weekend konna norqdu hemmhekk.*
"*... Missieri dejjem jghidilna inkluz din l-ghalqa hija taghna, u kien jghidilna hudu hsiebha u ahdmuha peress li din l-ghalqa ta' San Anard hija taghna.*

"*Ahna ma nafu lil hadd u ahna ma konna nhallsu kera lil hadd. Fil-fatt din l-ghalqa kienet f'idejn missieri minn qabel ma zzewweg u niftakar lill-ommi tghidli li kienet ghand missieri minn qabel ma zzewwigtu. Ommna u missierna zzewgu fiz-zmien tal-Gwerra. Ghalhekk l-ghalqa hija taghna u kienet dejjem taghna.*

"*Fl-ahharnett, nixtieq inzid li niftakar ukoll lil certu Pawlu Vella bil-laqam ta` l-Iskavun li kien talab lil missieriu biex jikrilu bicca minn din l-ghalqa ta` San Anard biex ikun jista` jinsob fiha.*"

"Wild ohra ta` Giuseppi u Michelina Farrugia, l-attrici **Carmen Grech** fl-affidavit tixhedt *inter alia* a fol 26 illi –

> "*... F'din l-ghalqa niftakar lill-missieri ikabbar patata, ful, aghra baghli, basal u anki piselli. Jiena niftakar ukoll li f`din l-ghalqa hemm vaska u kien jingemgha l-ilma tax-xita.*
>
> "*... Nista` nghid ukoll li missieri kien marad bil-qalb fl-ahhar tas-sittinijiet pero` xorta missieri kien jinzel jahrat l-ghalqa ta' kuljum filghaxijiet pero' dan kien jaghmilha bl-ghajnuna ta' huti s-subien.*
>
> "*Niftakar ukoll li missieri kien ukoll jinzel go ghalqa ohra li kellu x-Xghajra Haz-Zabbar liema ghalqa kienet m,ikrija ghandu bil-qbiela u huti kollha nkluz jiena bqajna ninzlu go l-ghalqa ta` San Anard liema ghalqa hija l-kwistjoni ta` din il-kawza.*
>
> "*Missieri dejjem kien jghid li din l-ghalqa ta' San Anard hija tieghu u hadd qatt ma gie ghandna jghidilna li din l-ghalqa hija taghhom. Kienet biss sentejn ilu* (u cioe` fl-2002) *li smajna b`dan l-ahbar. Fl-ahharnett, nixtieq nghid ukoll li ommi kienet tghidli li din l-ghalqa ta' San Anard kienet ta' missieri qabel ma zzewweg u din l-ghalqa kienet hafna ghal qalbu peress anki kien ihobb jonsob fiha.*"

"Wild iehor tal-konjugi Farrugia, l-attur **Anthony Farrugia** jixhed *inter alia* a fol 26 illi –

> "*... Nifatakar minn ckuniti lil missieri u ommi u l-ahwa l-kbar jahdmu l-ghalqa ta' taht il-Fortizza ta' San Anard li kien fiha tlitt kmamar u haffirna fiha tlitt ibjar minn fejn konna niehdu l-ilma ghax-xorb u t-tisqija ghax l-ghalqa tinhadem fi rqajja tal-hamrija u l-hamrija kienet ghammiela.*
> "*... dejjem qalilna li l-ghalqa ta' taht il-Fortizza ta' San Anard kienet tieghu u ommi Michelina Farrugia nee Pulis li ghadha hajja dejjem tghid li l-ghalqa kienet taghna.*
>
> "*... qabel ma tfacca dan l-incident ma' dawn in-nies tax-Xghajra xi sentejn ilu, ma niftakarx li xi hadd gie jghidilna li l-ghalqa mhix taghna jew l-ghalqa tieghu jew ta' xi hadd iehor jew xi hadd gie ghal flus jew xi haga ohra minn ghand missieri jew ommi u l-anqas hadd ma tana fastidju, kecciena jew tellfinna l-pussess ta' l-ghalqa. Anqas ma niftakar li xi hadd qabel baghatilna xi karta mill-Qorti, gabilna l- Pulizija jew tellana l- Qorti imhabba din l-ghalqa.*
>
> "*Kieku gara hekk zgur li kont inkun naf ghax missieri u ommi kollox kienu jghidulna u ghalhekk nista` nghid, minn ckuniti u sa kemm twassalli il- memorja, li hadd qabel dan l- incident ta' dawn in-nies li gara xi sentejn ilu, ma tana fastidju jew bi kliem jew kitba talabna l-ghalqa in kwestjoni ghax qal li kienet tieghu.*"

"Wild iehor, l-attur **Joseph Farrugia** jixhed a fol 29 u jikkorrabora lil huh Anthony Farrugia. Ighid ukoll illi –

> "... *Kien biss xi sentejn ilu meta kienet giet Mary Doris Veneziani mix- Xghajra li l-ewwel qaltli l-ghalqa in kwestjoni kienet taghha, imbaghad darba ohra qaltli li kienet ta' zijiuha jew ta' nannuha u jiena hallejta tghid li trid ghax kont cert li l-ghalqa kienet taghna.*
>
> "*... L-ghalqa taghna ta' taht il-Fortizza ta' San Anard dejjem zammejna mahduma fejn tinhadem u nuzawha wkoll ghad-delizju taghna bil- kacca u nsib.*"

"L-atturi **Emanuel Farrugia** u **Pawlu Farrugia** (ara fol 30 u 31) jikkorraboraw lil huthom l-atturi l-ohra. Tal-ahhar izid –

> "... *Niftakar li konna nnizzlu d-demel ghal gol-ghalqa u naghmlu li jkun hemm bzonn go l-ghalqa. Jiena kont niddeletta naghmel ix-xogholijiet fuq il-hitan tas- sejjiegh u kont jiena li kont inzomm il-hitan fi stat tajjeb.*
>
> "*... Jien ili mmur f'din l-ghalqa minn meta twelidt u niftakar ukoll li konna norqdu, nieklu u nilghabu hemmhekk specjalment fil- weekends u fis-sajf. Huti kollha nkluz jiena konna nghinu lill- ommna u missierna fl-ghalqa, liema ghalqa ghandha partijiet li huma bil- blat u hemm partijiet ohrajn fejn jinhadem.*"

"Fl-istess sens jixhdu atturi ohra **Alfred Farrugia** u **John Farrugia** ( ara fol 32 u 33).

"Xehdu mbaghad persuni midhla tal-inhawi tal-ghalqa in kwistjoni bhal **Carmelo Grech** (fol 43) **Paschal Pulis** (fol 44) **Paul Vella** (fol 45) u **Joseph Pulis** (fol 46), li ma jirrizultax li huma familjari tal-atturi, in konferma tal-fatt li Giuseppe Farrugia (li kien maghruf bhala *Tan-Nann*) kellu l-pussess ta` l-ghalqa in kwistjoni.

"In partikolari, Paschal Pulis jixhed illi huwa kien jara lil Giuseppe Farrugia fl-ghalqa tieghu ta` taht il-Fortizza ta` San Anard u jsemmi zmien li kien imur sa hamsa u tletin (35) sena qabel l-2004. Paul Vella jixhed illi - *kont nara lil dan Joseph Farrugia fl-ghalqa tieghu, jew jahdem xi bicca, jew jirgha xi moghoz jew jonsob. Hu kien ikollu lil uliedu mieghu li kienu jiehdu gost fl-ghalqa taghhom. Meta tlabtu jikrili roqgha mill-ghalqa tieghu biex nuzaha ghall-kacc, ma tanix ghax billi kellu hafna tfal, ma setax inaqqas milli kellu.* Joseph Pulis jikkonferma li - *Naf li l-ghalqa dejjem kienet f'idejn dan Joseph Farrugia, qatt ma rajt lil haddiehor fiha hlief tal-familja tieghu u kont nifhem li l- ghalqa kienet tieghu. Naf li l-ghalqa fiha hafna blat u ftit hamrija, il- bicciet tal-hamrija kienu jinhaddmu, il-bqija Farrugia kien jirgha xi moghoziet.*

"Xehdu wkoll persuni ohra.

"In-**Nutar Carmelo Lia** ppubblika l-*causa mortis* ta` Giuseppe Farrugia. Dan *inter alia* stqarr li meta kellem lill-attur sab li l-art in kwistjoni kellha tkun dikjarata ghaliex kienet akkwistata b`titolu ta` preskrizzjoni akkwizittiva tat-tletin sena minn Giuseppe Farrugia. U kompla hekk (ara fol 48) –

"... *B'xi mod jew iehor konna stabbilejna li ma hallasx qatt qbiela lill-hadd, illi dahal fil- post, kif naqbad nghid, dahal mhux bi glied imma lanqas forza, imma dahal fil-post u baqa' hemmhekk ghall dawn is-snin kollha ... wasalt ghall- konkluzjoni illi kien hemm prova sufficjenti illi din il-proprjeta' tigi proprjeta' ta' dana Guzeppi.*

"**Alfred Farrugia** mid-Dipartiment tal-Biedja jaghti hjiel ta` kif dahlu l-konvenuti fil-kwistjoni u cioe` ghal habta ta` **Mejju tal-2002** fis-sens illi dawn (partikolarment jirreferi ghal Alfreda Farrugia u Doris Veneziani) marru jirregistraw l-art f'`isimhom bhala sidien u bdiewa u pproducew il-kuntratt li kien esebit man-nota tal-eccezzjonijiet. Wara marru l-atturi biex jirregistraw l-art huma wkoll u gabu maghhom il-*causa mortis*. Billi inqalghet il-kwistjoni, ix-xhud waqqaf ir-registrazzjoni Ix-xhud ippreciza li meta marru l-konvenuti huma qalu li fl-art ma kien hemm hadd. Il-pjanta tal-art li gabu l-partijiet ma kellhiex l-istess daqs. Dik infatti tal-atturi kienet akbar. Id-differenza hija markata bl-isfar fuq il-pjanta a fol 71A, tammonta ghal zewgt itmiem raba` u mad-Dipartiment tal-Biedja ma kienet registrata fuq hadd.

"B`riferenza ghall-parti markata bl-isfar, **ix-xhud ippreciza** (fol 71C) –

"***Fl-1944 din il-bicca bl-isfar kienet registrata fuq Saliba, llum ma hi registrata fuq hadd. Ir-raba` in kwistjoni hija biswit dik ta` Saliba. Fil-kuntratt ta` Alfreda Farrugia din l-art bl-isfar mhix qeghda fiha, fil-fatt il-kuntratt li gabu Farrugia jidher fil-kuntratt li qeghda fil-pussess tal-atturi. Veneziani mhux qed jitolbu li din l-parti s-safra hija taghhom. L-art li ghandhom f`idejhom Farrugia qatt ma giet registrata ghandna.***

"Fil-kontroezami ta` l-attur Joseph Farrugia (ara fol 98) jissemma kif il-konvenuti marru fuqu biex ighidulu li l-art li kienu qed jokkupaw l-atturi kienet taghhom. Dan kien fl-2002.

"Fil-process l-atturi esebew numru ta` ritratti fejn juruhom fl-ghalqa nin kwistjoni minn mindu kienu ferm izghar fl-eta` u cioe` tfal.

"Min-naha tal-atturi, mhux kontestat li huma kienu jafu lil x`uhud mill-konvenuti billi l-konvenuti kienu mix-Xghajra fejn missier l-atturi kellu ghalqa bi qbiela. Il-kontestazzjoni netta tal-atturi hija li l-konvenuti qatt marru fl-ghalqa in kwistjoni u kellmuhom dwarha qabel inqalghet il-kwistjoni.

"Fil-kontroezami ta` persuni estranej ghall-familja tal-atturi, ma rrizultax rabta jew presenza tal-konvenuti fl-art in kwistjoni matul is-snin.

"Min-naha tal-konvenuti, xehdet **Dorothy Warrington** (korraborata mix-xiehda ta` missierha **Victor Farrugia**) li stqarret li l-art in kwistjoni kienet wirt tan-nannu taghha. Meta kienet tifla gieli kienet tmur hemm

ma` ommha Alfreda Farrugia biex taqta` l-kappar. Skond ix-xhud, hemm hi qatt ma rat nies. Kien fl-2002 li tkellmu ghall-ewwel darba mal-atturi. Kienu marru hemm wara li l-Gvern kien esproprija xi art taghhom f`dawk l-inhawi u riedu jkunu jafu x`kien fadlilhom. Fl-art laqghuhom l-atturi Anthony u Alfred Farrugia u riedu jkunu jafu x`kienu qeghdin jaghmlu hemm. Billi hija qaltilhom li l-art kienet tal-familja gejja minn wirt, kellmuhom u, skond ix-xhud, accettaw li hemm ma kienx taghhom.

"Xehed is-surveyor **Frank Ebejer** li kien ma` Dorothy Warrington meta maret fuq is-sit fl-2002 u *inter alia* fil-presenza tieghu l-ahwa Farrugia qalu hekk –

> "*... wiehed minnhom qal lil Dorothy li kienu gia` qalulha li jafu li dina l-ghalqa ma kenitx taghhom. Ziedu jghidu li qatt ma kienu hallsu kera pero` ma kienux lesti johorgu mill-ghalqa jekk ma juruhomx xi kuntratt li juri li kienu l-propjetarji.*"

"**Alfreda Farrugia** tixhed a fol 165 –

> "*Fl-ghalqa taghna tal-Qattus gieli mort nigbor il-kappar u l-bebbux u hadd qatt ma rajt hemmhekk. Tul il-medda ta` snin dhalt kemm –il darba go l-ghalqa taghna u tlajt diversi hbula taghha u hadd qatt ma zammni. Ma kien ikun hemm hadd, lanqas mansab. Nispjega li l-ghalqa taghna fiha xi tmint itmiem u hija kollha blat fil-wicc hlief ghal parti zghira fin-naha ta` fuq.*"

"**Grace Grima** tixhed li fejn kienu jkunu l-atturi jew min minnhom kienu f`art li kienet tinsab mitt metru boghod mill-art taghhom. F`taghhom ma kien ikun hemm hadd.

"Xhieda ohra li ressqu l-konvenuti huma fl-istess kuntest.

"**Ikkunsidrat :**

"**IV. Ir-Risultanzi**

"Il-mod tal-akkwist tal-proprjeta jiddistingwi ruhu bejn originali u derivattiv. Huwa titolu originali dak li l-bazi tieghu ma jiddependix minn titolu precedenti. Titolu derivattiv hu dak li jsehh bit-trasmissjoni ta` dritt minn soggett tad-dritt ghal iehor. Ezempju tipiku ta` akkwist originali hija l-preskrizzjoni akkwizittiva ta` tletin sena, li ma tiddependix minn akkwist minghand haddiehor. Hu biss fil-kaz ta` akkwist derivattiv li jigi applikat il-principju li l-akkwist jiddependi mill-esistenza tad-dritt tal-awtur. Il-konsegwenza hi li l-akkwist b`titolu originali hu iktar b`sahhtu minn titolu derivattiv, ghas-semplici raguni li fil-kaz tal-ahhar jista` jkollok sitwazzjoni li persuna takkwista dritt minghand min mhuwiex sid.

"**Abbazi tal-assjem tal-provi, dak li trid tistabilixxi din il-Qorti huwa jekk il-pussess tal-atturi jew tal-aventi causa taghhom kienx inkella le – kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku ghal aktar tletin (30) sena jew aktar.**

"Irrizulta li kien biss fl-**<u>2002</u>** li ghall-ewwel darba ivvantaw dritt fuq l-art in kwistjoni meta Dorothy Warrington (fil-presenza ta` missierha u tas-surveyor Frank Ebejer) kellmet lil uhud mill-atturi fuq il-post u wara ommha marret tirregistra l-art fid-Dipartiment tal-Biedja.

"**Mela l-*punctum temporis* <u>rilevanti</u> huwa x`gara fis-sit mill-1972 sa dakinhar. Mill-provi akkwisiti jirrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku li f`dawk it-tletin (30) sena, u certament ghal bosta snin qabel, l-atturi u l-aventi causa taghhom kienu fil-pussess tal-art.**

"Anke minn konstatazzjoni **<u>oggettiva</u>** li ghamlet din il-Qorti waqt l-access li hija stess ikkonduciet jirrizulta minghajr l-icken dubju (altru milli l-"bilanc ta` probabilitajiet") li l-atturi huma fil-kontroll assolut tas-sit sahansitra mill-fatt li fejn jinsabu l-kmamar fil-parti ta` fuq (uhud anke abitativi) huma f`parti fil-gholi u l-bqija f`dizlivell anke jekk hafif. Li jfisser li jekk xi hadd qabel l-2002 kien jintrometti ruhu fl-inhawi kien jigi notat.

"Il-Qorti ma tarax fix-xiehda ta` persuni li ressqu l-konvenuti grad ta` pussess, jew asseriment ta` titolu ta` propjeta` qawwi bizzejjed biex jkikkontrasta dak tal-atturi. Li tour fl-art in kwistjoni tigbor il-kappar (meta jkun zmienu naturalment) jew tfittex ghall-bebbux (wara l-ewwel xita naturalment), bl-akbar rispett ghall-konvenuti, fil-kampanja Maltija, ma jistax jamonita ghall-affermazzjoni tat` titolu.

"Il-provi juru li kemm fil-perijodu in kwistjoni kif ukoll qabel, l-atturi ghamlu uzu esklussiv ta` l-art mertu ta` din il-kawza bhala l-proprjeta` esklussiva taghhom. Il-benefikati (per ezempju l-bjar u l-harsien tal-hitan tas-sejjiegh) li saru fl-art de qua mhux kontestati mill-konvenuti u huma att *animo domini*. Min-naha taghhom, il-konvenuti ma ghamlu l-ebda att *animo domini* fl-art qabel l-2002.

"Il-pussess tal-art da parti tal-atturi fil-perijodu in kwistjoni u anke qabel kien bla dubju kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku. Fis-sentenza taghha tat-23 ta` Novembru 1962 fil-kawza "**<u>Azzopardi noe vs Farrugia</u>**" (Vol XLVI.I.36l) il-Qorti tal-Appell qalet hekk dwar il-preskrizzjoni vantata mill-atturi f`din il-kawza - *irid juri li huwa sahhah fih il-pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku u ghal zmien determinat mil-ligi. Dawn il-kondizzjonijiet juru l-kwalita` tal-pussess animo domini, li ghandu jkun akkoppjat maz-zmien rikjest mil-ligi biex isahhah il-preskrizzjoni.*

"Din il-Qorti tghid li fuq l-iskorta tal-kumpless tal-provi li tressqu, hija sodisfatta li l-atturi u ta` qabilhom kienu u baqghu jokkupaw

wahedhom fis-sens li trid il-ligi l-art in kwistjoni ghaz-zmien kollha tal-preskrizzjoni akkwizittiva tat-tletin sena.

"It-titolu naxxenti mill-kuntratt li pprezentaw il-konvenuti ma jistax ikun ahjar minn tal-atturi. Din il-Qorti hija tal-fehma li tkun f'lokha riferenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta (**<u>PA/PS</u>**) fil-kawza "**<u>Testaferrata Bonici et vs Montanaro</u>"** deciza fis-27 ta` Gunju 2003 –

> "*Din il-prova tad-dominju tista` ssir mhux biss permezz ta` titolu izda anke bi kwalsiasi mezz iehor. "In difetto di un titolo l`attore e ammesso a provare il suo dominio con qualunque altro mezzo permesso dalla legge" (Vol. VII p390; Vol. II p 893). Hija allura permessa skond il-parir awtorevoli tal-Fadda (paragrafu 341) anke prova kongetturali jew semplici presunzjoni in kwantu "ne occorre quindi che l`attore giustifichi in mod pieno il da lui vantato dominio, ma basta che fornisca argomenti prevalenti a quello del suo avversario.*"

"Mill-provi rrizulta li qabel l-2002 sahansitra saz-zmien tat-Tieni Gwerra Dinija hadd ma ddisturba lill-atturi jew lill-aventi causa taghhom fil-pussess tal-art de qua. <u>Ghalhekk favur l-atturi ghaddiet il-preskrizzjoni akkwizittiva trigenarja</u>.

"**<u>Id-Decide</u>**

"**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, qeghda tilqa` t-talbiet attrici, bl-ispejjez jithallsu kollha mill-konvenuti.**"

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Gunju 2016 li permezz tieghu l-appell thalla ghas-sentenza ghat-30 ta' Settembru, 2016;

**AGGRAVJI**

Fis-succint il-konvenuti ressqu zewg aggravji kontra s-sentenza appellata u cioe`:

A. Dwar il-Preskrizzjoni Trentennali;

B.    Interuzzjoni jew Rinunzja ghall-Preskrizzjoni.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

B'mod preliminari, din il-Qorti tosserva illi l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet legali pertinenti dwar in-natura tal-azzjoni in dezamina:

1.    hawn si tratta ta' kawza dikjaratorja u mhux l-*actio reivindicatoria* principalment ghaliex l-art in kwistjoni mhijiex fil-pussess tal-konvenut u kwindi kien hemm nieqes it-tieni element tal-*actio reivindicatoria* u cioe` li l-konvenut ikun jipposjedi l-haga.  Ghaldaqstant l-ewwel Qorti kkonkludiet:

> "*Ghalhekk propju ghaliex dik tal-lum mhijiex l-actio reivindicatoria, fejn huwa pacifiku li tapplika l-prova diabolika li tispetta lill-attur, fil-kawza tal-lum, il-piz tal-prova, ghalkemm jibqa` jispetta lill-atturi, jibqa` dak tal-bilanc ta` probabilitajiet*". (fol 372).

Ghalhekk f'kaz bhal dan japplika dak li ntqal f'dawn is-sentenzi tal-Qrati taghna:

"*F'gudizzju civili il-Qorti trid tiddecidi fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet*" (**Zammit v. Petroccochino**, Appell Kummercjali, 25 ta' Frar 1952 ); il-Qorti allura jehtieg li tara jekk verzjoni wahda teskludix lill-

ohra fuq bilanc ta' probabiltajiet; "*b'hekk jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubbju u ssib refugju mir-regola 'in dubio pro reo'*" – **Enrico Camilleri v. Martin Borg**, (Appell Inferjuri, 17 ta' Marzu 2003).

2. Hawn si tratta ta' titolu originali li hija l-preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin sena, li ma tiddependix minn akkwist minghand haddiehor.

3. Dwar l-access li nzamm l-ewwel Qorti osservat is-segwenti,

> "*Anke minn konstatazzjoni* ***oggettiva*** *li ghamlet din il-Qorti waqt l-access li hija stess ikkonduciet jirrizulta minghajr l-icken dubju (altru milli l-"bilanc ta` probabilitajiet") li l-appellati huma fil-kontroll assolut tas-sit sahansitra mill-fatt li fejn jinsabu l-kmamar fil-parti ta` fuq (uhud anke abitativi) huma f`parti fil-gholi u l-bqija f`dizlivell anke jekk hafif. Li jfisser li jekk xi hadd qabel l-2002 kien jintrometti ruhu fl-inhawi kien jigi notat*". [fol 379]

Issa din il-Qorti ser tghaddi biex tikkonsidra l-aggravji mressqa f'aktar dettall:

## *A.* Dwar il-Preskrizzjoni Trentennali

Fil-qosor fl-ewwel aggravju l-appellanti jsostnu illi: "*L-appellati ma rnexxilhom jippruvaw l-elementi kollha rikjesti u cioe' illi l-pussess taghhom kien wiehed legittimu, jigifieri kontinwu, mhux miksur, ghal tletin sena, pacifiku, pubbliku u (univoku) mhux ekwivoku – (cioe juri bic-car li wiehed qieghed jipposjedi bhala sid)*". (fol 385)

L-argument imressaq mill-konvenuti huwa illi l-preskrizzjoni trentennali, li fuqha hija msejjsa l-azzjoni attrici, hija kontradetta minn riflessjonijiet li jitnisslu mill-provi, mid-dokumenti esebiti u mill-punti legali pertinenti in materja. Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-provi din il-Qorti kemm il-darba rriteniet illi ghal appuntu dak li huwa apprezzament tal-fatti, din il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti*". Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li: "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*".

Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi ohra bhal **Emanuel Cardona v. Dr Graham Busuttil,** Appell, 10 ta' Jannar 1995 u **Paul Formosa v. Salvu Debono**, Appell 5 ta' Ottubru 2001); madankollu "*Din il-Qorti pero' f'kaz tapprezza ukoll li d-dover taghha xorta huwa li tesamina sewwa l-provi imressqa u barra minn hekk, huwa ukoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skond il-ligijiet taghna u l-*

*gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja*". (**Attard et v. Direttur tas-Sahha, Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014**).

Fl-ewwel lok l-appellanti jaghmlu referenza ghax-xhieda ta' certu Vestro Saliba fejn jistqarr "*… l-appellati ilhom xi 25 sena hemmhekk*". [xhieda moghtija fis-16 ta' Marzu 2005 a fol 77]. Dan il-fatt gie kkonfermat mill-konvenuta Alfreda Farrugia [fol 165].

Fir-risposta tal-appell [fol 394] l-appellati jikkontendu illi: "*mhux minnu illi r-rikorrenti dahlu fl-ghalqa xi 25 sena qabel kif xehed Vestru Saliba li huwa l-gar tal-appellati...*".

Din il-Qorti tosserva li dan ix-xhud ghamel approssimazzjoni u ma cahadx fl-ahhar mill-ahhar li l-atturi setghu kienu ilhom hemm aktar. Huwa pertinenti dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti f'dan is-sens:

> "*Il-Qorti ma tarax fix-xiehda ta` persuni li ressqu l-konvenuti grad ta` pussess, jew asseriment ta` titolu ta` propjeta` qawwi bizzejjed biex jkikkontrasta dak tal-appellati. Li tour fl-art in kwistjoni tigbor il-kappar (meta jkun zmienu naturalment) jew tfittex ghall-bebbux (wara l-ewwel xita naturalment), bl-akbar rispett ghall-konvenuti, fil-kampanja Maltija, ma jistax jamonita ghall-affermazzjoni tat-titolu*". [fol 379]

Din il-Qorti jidrilha li l-ewwel Qorti ghamlet analizi bir-reqqa tal-provi kollha u mhux biss ta' xhieda izolata [ara punt III "Il-Provi" pagna 11-18] u inoltre ghamlet kostatazzjoni oggettiva tramite access u waslet ghall-konkluzjoni definittiva li: "*jirrizulta minghajr l-icken dubju (altru milli l-*

*'bilanc ta' probabilitajiet") li l-appellati huma fil-kontroll assolut tas-sit …".* [fol 379].

F'paragrafi 8(c) – (h) l-appellanti jressqu l-lanjanzi taghhom dwar il-validita` tat-titolu tal-appellati. Mhuwiex kontradett illi l-awturi tal-appellati ma ghamlux att pubbliku ta' cessjoni jew akkwist minghand min hadu l-art in kwistjoni u cioe` minghand Salvu Borg (maghruf bhala Iz-Zundajnu). Izda l-appellanti jikkontendu illi "*(h). L-azzjonijiet ta' l-appellati graw kollha in segwitu ghal-laqgha li kellhom ma' ulied l-appellanti fl-ahhar ta' Mejju 2002 fejn dawn tal-ahhar kienu qalulhom li l-ghalqa in kwistjoni kienet tal-genituri taghhom*". L-ewwel Qorti trattat il-punti ta' dritt f'punt numru II f'pagna 8 tas-sentenza appellata u mbaghad kompliet biex taghmel distinzjoni bejn titolu originali u dak derivattiv (punt numru IV Rizultanzi f'pagna 18 tas-sentenza appellata). Il-Qorti gustament irreteniet li fil-kaz in dezamina ta' preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin sena huwa ezempju tipiku ta' akkwist originali. Inoltre l-ewwel Qorti impostat il-kawza fuq binarji ben precizi u spjegat illi:

> "***Abbazi tal-assjem tal-provi, dak li trid tistabilixxi din il-Qorti huwa jekk il-pussess tal-appellati jew talaventi causa taghhom kienx inkella le – kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku ghal aktar tletin (30) sena jew aktar.***
>
> "*Irrizulta li kien biss fl-2002 li ghall-ewwel darba ivvantaw dritt fuq l-art in kwistjoni meta Dorothy Warrington (fil-presenza ta` missierha u tas-surveyor Frank Ebejer) kellmet lil uhud mill-appellati fuq il-post u wara ommha marret tirregistra l-art fid-Dipartiment tal-Biedja.*

> "***Mela l-punctum temporis rilevanti huwa x`gara fis-sit mill-1972 sa dakinhar. Mill-provi akkwisiti jirrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku li f`dawk it-tletin (30) sena, u certament ghal bosta snin qabel, latturi u l-aventi causa taghhom kienu fil-pussess tal-art***". [Fol 378-379]

Bhala stat ta' fatt l-art *de quo* giet denunzjata mill-appellati fis-26 ta' Gunju 2002 fl-atti tan-Nutar Dr Carmelo Lia. Huwa pertinenti dak li josserva l-istess Nutar f'dan ir-rigward kif riportat fis-sentenza appellata.

Kif sew irrilevat l-ewwel Qorti l-punt krucjali f'azzjoni dikjaratorja bhal ma hi dik odjerna bbazata fuq il-preskrizzjoni trentennali hija illi jigi ppruvat l-*animus* tal-pussessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhal li kieku hu kien proprjetarju - u minn dan l-aspett l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda dubju.

Ghaldaqstant l-ewwel Qorti gustament irreteniet illi:

> "*Il-provi juru li kemm fil-perjodu in kwistjoni kif ukoll qabel, l-appellati ghamlu uzu esklussiv ta` l-art mertu ta` din il-kawza bhala l-proprjeta` esklussiva taghhom. Il-benefikati (per ezempju l-bjar u l-harsien tal-hitan tassejjiegh) li saru fl-art de qua mhux kontestati mill-konvenuti u huma att animo domini. Min-naha taghhom, l-appellanti ma ghamlu l-ebda att animo domini fl-art qabel l-2002.*" [fol 379] ... ."*Ghalhekk favur l-appellati ghaddiet il-preskrizzjoni akkwizittiva trigenarja*". [fol 380].

Kif gie riportat fis-sentenza **Apap Bologna v. Sammut** (28 ta' Marzu 2003 Prim'Awla):

> "*Jinsab insenjat illi "lil min jallega l-uzukapjoni trigenarja bhala bazi tad-dominju minnu vantat, ma jistax jigi oppost in-nuqqas ta' titolu jew tal-bona fede. U l-bona fede ma hix eskluza bil-fatt illi l-preskrivent kien jaf li l-haga kienet ta' haddiehor ghax hu bizzejjed li l-preskrivent ikollu l-intenzjoni li jsir il-proprjetarju tal-haga. Imma l-pussess ta' tletin*

> *sena irid ikun legittimu, jigifieri kontinwu u mhux interrot, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku*". (**Vol. XXXV P I p 105**);
>
> "*Jinsab imbaghad spjegat illi "l-elementi tal-pussess huma tnejn, dak materjali, il-poter ta' fatt fuq il-haga, u dak intenzjonali, l-animu tal-possessur li jgawdi d-dritt fuq il-haga bhallikieku hu kien il-proprjetarju taghha - animus et corpus; corpus possessionis, et animus possidendi vel animus domini*. *Mhux bizzejjed li jkollok id-detenzjoni tal-haga jew it-tgawdija taghha mhux bhala haga proprja, imma bhala haga ta' haddiehor, ghaliex allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja*". (**Carmelo Caruana et -v.- Orsla Vella**, Appell Civili, 13 ta' Marzu 1953; "**Victor Chetcuti et.**

Din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjonijiet raggunti mill-ewwel Qorti li l-appellati ssodisfaw dawn il-kondizzjonijiet kif ampjament spjegat fl-istess sentenza taghha (jirrizulta li kien hemm pussess kontinwu minn zmien it-tieni gwerra dinjija il-quddiem) u ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi michud.

## *B.* Interuzzjoni jew Rinunzja ghall-Preskrizzjoni

Fit-tieni aggravju fis-succint l-appellanti jillanjaw illi:

> "*9. … l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset li tiehu in konsiderazzjoni illi Ninu u Giuseppi ahwa Farrugia, zewg membri mill-familja tal-appellati, kienu fl-ahhar gimgha ta' Mejju 2002 ammettew ma' membri tal-familja tal-esponenti u fil-presenza ta' terzi disinteressati (s-surveyor Frank Ebejer) illi l-ghalqa in kwistjoni ma kenitx taghhom (ara x-xhieda ta' Dorothy Warringtin a fol 157/8 tas-surveyor Frank Ebejer a fol 159, ta' Victor Farrugia a fol 163 u 265, ta' Joseph Veneziani a fol 178/9 u ta' Michael Darmanin a fol 180). Dana apparti l-ammissjoni ohra tal-attrici Michelina Darmanin li stqarret li l-ghalqa ma kenitx taghhom (ara fol 131/2)*". (fol 388)

Jigi rilevat illi r-referenza maghmula mill-konvenut ghall-allegata "ammissjoni" da parti tal-ahwa Ninu u George ahwa Farrugia hija biss

"*detto del detto*". Fl-atti tal-kawza ma hemm l-ebda dikjarazzjoni mill-istess Ninu u George ahwa Farrugia f'dan is-sens. Ghaldaqstant il-valur probattiv ta' dak li qed jipprova jigi muri mill-konvenuti debitament jitnaqqas. Fl-ahhar nett, jigi rilevat illi Michelina Farrugia qatt ma tammetti li l-ghalqa *de quo* ma kenitx taghhom (xhieda referenzata 131-132) anzi tixhed fuq ic-cirkostanzi ta' kif zewgha nghata din l-art minghand Salvu Borg.

Dwar dan il-punt inghad illi: "*Rinunzja din li kellha jew tirrizulta minn espressjonijiet cari u univoci jew dezunta minn xi att jew kumpless ta' atti li jissupponu necessarjament fir-rinunzjant l-intenzjoni li huwa jabdika d-dritt tieghu*". (**Kollez. Vol. XXXIV P II p 646**);

Fuq dan il-punt din il-Qorti taghlaq b'din l-osservazzjoni rakkolta mis-sentenza a **Vol. XVI P I p 90**: "*la rinunzia non si presume e dev' essere concludentemente provata; se e` tacita, deve sorgere da un fatto chiaro ed evidente, che include necessariamente la intenzione di rinunziare, e che non possa prestarsi ad altra interpretazione, o ingenerare qualche dubbio sulla intenzione del rinunziante*". Dawn il-brani gew ukoll citati fis-sentenza **Cachia v. Aquilina** (Prim'Awla, 9 ta' Gunju 2004)

Minn ezami tal-atti jirrizulta car (kif irrizulta lill-ewwel Qorti) li ma kien hemm ebda rinunzja kif indikat f'dawn is-sentenzi. Ghaldaqstant dan it-tieni aggravju qed jigi michud ukoll.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata; l-ispejjez kollha kompriz tal-appell a kariku tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb